MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

**GUDIKATUR DR.
PHILIP MANDUCA**

Seduta ta' l-20 ta' Frar, 2006

Talba Numru. 148/2005

**Fogg Insurance Agencies Limited (C-597) ghan-nom u in rapprezentanza tas-socjeta' estera Norwich Union International Insurance Limited kif surrogata fid-drittijiet ta' l-assigurata taghha Lucarda Anthea Magro abbazi tal-polza ta' assigurazzjoni tat-tip comprehensive
u tal-Ligi u l-istess Lucarda Anthea Magro [330885(M)]**

**Vs**

**Saviour Camilleri**

**It-Tribunal**

Ra l-Avviz li fih l-atturi talbu l-hlas ta' mitejn u tlieta u hamsin lira Maltin u erba' centezmi (Lm253.04c) rapprezentanti danni f'incident awtomobilistiku ghal liema ncident il-konvenut kien unikament responsabbli

minhabba imprudenza, imperizja, negligenza u inosservanza tar-regolamenti.
Ra r-Risposta fejn il-konvenut qal li mhux responsabbli ta' dan l-incident kif ukoll jinkombi fuq l-atturi li jippruvaw l-ammont ta' danni pretizi.
Ra d-dokumenti esebiti.

Ra r-*Road Accident Report* fejn il-konvenut qal illi kien gej minn Triq il-Labour, Marsa sejjer lejn id-direzzjoni ta' Paola u kif dar ghal Vjal Sir Paul Boffa, Paola hass daqqa mal-vettura tieghu.  Kif waqaf sab il-vettura EAC 286 li kienet dahlet fih.

Bhala hsara kellu r-*rear right mudguard*.

Lucarda Anthea Magro qalet illi kienet ghaddejja minn Triq il-Labour, Marsa sejra lejn id-direzzjoni ta' Paola u kif qabdet Vjal Sir Paul Boffa, Paola l-vettura LAG 585 ghafas fuqha u dahal fiha u hija waqfet.

Bhala hsara kellha l-*front left mudguard*, *front bumper* u l-*front left door*.

Lucarda Anthea Magro qalet illi kienet sejra fid-direzzjoni ta' Hal Luqa fit-tieni lane fin-naha tal-lemin.  Tghid illi hi kienet wieqfa tistenna t-traffiku minhabba li kien hemm it-*traffic lights* u f'daqqa wahda semghet id-daqqa.  Taqbel ma' l-iskizz.

Fil-kontro-ezami tghid illi jista' jkun li l-verzjoni li kienet tat lill-pulizija dakinhar ta' l-incident hija iktar preciza ghaliex l-incident ilu li gara madwar sentejn u nofs.  Ma tiftakarx jekk mal-habta l-karozzi mxewx xi ftit.

Ra x-xhieda ta' Saviour Camilleri fejn jghid illi kien fuq it-tieni lane tax-Shipbuilding fi Triq il-Labour.  Hekk kif qabad Vjal Sir Paul Boffa sema' xi hoss fil-vann tieghu u waqaf ghax haseb li waqalu xi haga gewwa l-vann.

Jghid illi meta nizel mill-vann sab li kellu daqqa zghira fuq wara tal-vann u ra karozza wieqfa timblokka t-tielet lane.

Jghid illi bhala hsara kellu fuq il-genb tal-vann vicin ir-roti tan-naha tal-lemin ta’ wara.

Jghid ukoll illi wara l-impatt Magro ccaqalqet il-vettura taghha. Il-konvenut jghid illi kien qal lill-pulizija b’dan.

Fil-kontro-ezami jghid illi meta hass id-daqqa, t-*traffic lights* kienu hodor. Jaqbel ma’ l-iskizz u jghid illi hu kien waqaf b’mod li halla bizzejjed spazju ftit fuq ix-xellug tieghu pero’ tidhol karozza kkaxxjata.

Ra x-xhieda ta’ PS 1439 John Tabone fejn jikkonferma l-iskizz u r-rapport. Jichad illi l-konvenut kien qallu li Magro ccaqalqet il-vettura taghha wara l-incident.

Illi l-konvenut jghid li kien fuq it-tieni lane u li ma ndunax bil-habta tant hu hekk li haseb li waqa’ xi haga mill-vann. Il-konvenut jghid li l-attrici kienet fit-tielet lane.

Illi wara l-habta l-attrici qalet li l-konvenut ghafas fuqha u dahal fiha. Fix-xhieda quddiem it-Tribunal qalet li kienet wieqfa u semghet id-daqqa. Fil-kontro-ezami l-attrici qalet li kienet iktar preciza meta kellmet lill-pulizija ezatt wara l-habta. Gie ddikjarat:
“Illi huwa maghruf li hija regola generali li fi kwestjonijiet ta’ stharrig ta’ responsabbilta’ f’habta, li kull sewwieq irid ihares zewg regoli ewlenin, jigifieri (a) li jirregola s-sewqan tieghu skond ic-cirkostanzi kollha ta’ l-inhawi fejn ikun (maghduda maghhom il-konfigurazzjoni tat-triq, il-hin u l-kundizzjonijiet atmosferici) u (b) li jzomm attenzjoni (proper look-out) dwar dak li jkun qieghed isehh fil-qrib jew huwa mistenni li jsehh minnufih.” (Ara wkoll **Formosa & Camilleri Ltd et Vs Joseph Camenzuli – PA RCP 26/4/2001**).

Il-konvenut lanqas induna li saret il-habta. Huwa stramb li l-konvenut jghid li baqa’ miexi tul ta’ vann u nofs wara l-habta u mill-iskizz jirrizulta li l-vann tieghu huwa ezatt fejn il-karozza ta’ l-attrici. Fil-fatt il-konvenut jghid li l-habta saret hafna iktar lura minfejn waqfu l-vetturi. (Ara l-iskizz pagna 14 tal-process). Il-konvenut lanqas ta spjegazzjoni ghaliex huwa waqaf daqsxejn angolat lejn il-lemin u

ghaliex il-parti ta’ wara tal-vettura tieghu kienet xi ftit fuq l-ewwel lane fuq in-naha tas-Sea Malta.

Min-naha l-ohra l-attrici ma tantx dehret certa dwar kif grat il-habta. Fix-xhieda qalet li kienet wieqfa u meta kellmet lill-pulizija ezatt wara l-incident qalet li kienet ghaddejja u kif qabdet Vjal Sir Paul Boffa, Paola l-konvenut dahal fiha u hija waqfet.

Illi l-konvenut kellu hsara fuq wara *(rear right mudguard)*. Illi fix-xhieda taghha l-attrici ma qalitx jekk ratx lill-konvenut qabel il-habta. Kellha l-obbligu li tara dak li huwa quddiemha. Meta xehdet qalet li kienet wieqfa tistenna t-*traffic lights* izda mill-iskizz kienet ghaddiet il-linja fejn tistenna.

Fid-dawl tal-provi prodotti m’hemmx bizzejjed provi biex dan it-Tribunal jikkonkludi li l-konvenut kien unikament responsabbli ghall-incident.

Ghaldaqstant jichad it-talba attrici bl-ispejjez kontra l-istess atturi.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------